MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 185/2002

**Illum 7 ta' Novembru, 2002**

**Appell Nru 185/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zammit u**
**<u>Reginald Bugeja</u>**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Reginald Bugeja[1] talli (**1**) fl-14 ta' Settembru, 2000 ghall-habta ta' l-4.00 pm ikkommetta serq ta' *stereo* tal-

[1] L-imputazzjoni kontra Joseph Zammit, li pero` ma appellax, kienet li huwa kien irrenda ruhu komplici fid-delitti mwettqa minn Bugeja.

ghamla Pioneer minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni YYZ-112 liema *stereo* jiswa aktar minn hamsin lira a dannu ta’ Deborah Debono mis-Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa; (**2**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe` *stereo* tal-ghamla Pioneer li huwa stmat li jiswa aktar minn hamsin lira, liema *stereo* “gie mehud b’qerq jew akkwistat b’reat” (***sic!***) sew jakk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih; (**3**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fil-vettura tal-ghamla Fiat liema hsara tiskorri l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira a dannu ta’ Deborah Debono; u (**4**) talli b’hekk sar recidiv b’diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Lulju, 2002[2] li permezz taghha dik il-qorti *inter alia* sabet lil Reginald Bugeja hati skond l-imputazzonijiet dedotti kontra tieghu (u dana fuq ammissjoni tieghu stess kif registrata fl-udjenza tat-3 ta’ Gunju, 2002, fol. 88) u kkundannatu ghall-piena ta’ tmien (8) xhur prigunerija; dik il-qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex jghin lill-istess Bugeja fil-problema li ghandu tad-droga;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Reginald Bugeja, minnu ppresentat fil-5 ta’ Awissu, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 1 ta’ Novembru, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li huma ammetta fi stadju bikri tal-proceduri; li l-ewwel qorti injorat id-deposizzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon; u li huwa llum qieghed juri

---

[2] Fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur David Saliba) v. Joseph Zammit u Reginald Bugeja***.

sinjali ta' progress f'dik li hija r-riabilitazzjoni tieghu mill-problema akuta ta' tassikodipendenza li huwa kellu.

Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, tosserva li huwa veru li l-appellant Bugeja "ammetta" fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (ara fol. 23 u 24) li huwa kien seraq l-i*stereo* in kwistjoni, izda frankament din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ftit le xejn seta jaghmel mod iehor galadarba inqabad *in flagrante* minn certa Michelle Camilleri (fol. 68). Minkejja dak li qal fl-istqarrija tieghu, meta huwa tressaq il-Qorti fl-1 ta' Novembru, 2000 akkuzat kif aktar 'l fuq indikat fil-bidu ta' din is-sentenza, huwa wiegeb li mhux hati; kien biss sena u seba' xhur wara, u cioe` fit-3 ta' Gunju, 2002, li huwa biddel il-kontestatzzjoni u rregistra ammissjoni. Nel frattemp kienu saru deiversi seduti li fihom instemghu diversi xhieda u gew ezibiti wkoll diversi sentenzi ghall-finijiet ta' l-imputazzjoni tar-recidiva. Fi kliem iehor, kien biss wara li kienu nstemghu l-provi kollha tal-prosekuzzjoni li l-appellant (allura imputat) irregistra ammissjoni ghall-finijiet tal-proceduri kontra tieghu. F'dan is-sens, ghalhekk, l-appellant ma ghin b'ebda mod biex il-proceduri jigu konkjuzi fi zmien kemm jista' jkun malajr, jew sabiex jigi ffrankat il-hin tal-qorti u ta' kullhadd. Din il-Qorti tista' biss tikkonkludi li huwa dam daqshekk biex jirregistra ammissjoni biex jipprova jigwadanja xi vantagg tattiku, b'mod ghalhekk li din il-Qorti ma tantx hi propensa li tikkoncedi tnaqqis fil-piena a bazi ta' l-imsemmija ammissjoni tat-3 ta' Gunju, 2002.

Anqas ma hu korrett l-appellant meta jghid li l-ewwel qorti injorat jew ma tatx piz bizzejjed lid-deposizzjoni ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon. Ghal kull buon fini din il-Qorti ser tirriproduci parti mis-sentenza appellata:

**Il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-fedina penali tal-imputat Reginald Bugeja esibita fl-atti a fol. 14 markata bhala dokument CSH1 minn fejn jirrizulta li minn Lulju 1992 sa Settembru 2000 l-imputat Reginald Bugeja kien diga instab hati ta' reati f'sitt okkazzjonijiet fosthom akkuzi ta' pussess ta' droga u serq.**

**Illi huwa nghata diversi cansijiet mill-Qorti sabiex jirriforma ruhhu tant li nghata *conditional discharge* fi tlett okkazzjonijiet, sentenza sospiza ta' habs ghal periodu ta' tlett snin u multa. Dan nonostante, pero`, l-imputat Reginald Bugeja ma tghallimx mill-passat tieghu u rega' qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.**

**Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li bniedem jista' jibqa' jikser il-ligi u ma jbatix il-konsegwenzi penali ghal agir illegali tieghu.**

**Il-Qorti semghet lill-*Probation Officer* Marietta Lanzon tixhed u tghid li hija qeghda ssegwi lill-imputat Reginald Bugeja u fil-fehma taghha dan ghamel progress kbir. Illi Reginald Bugeja kellu problema ta' uzu ta' droga, liema problema tinsab ukoll taht kontroll.**

**Illi dan nonostante pero` il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mal-imputat Reginald Bugeja u fil-fatt ghalhekk thoss li l-piena idonea f'dan il-kaz hija wahda karcerarja.**

Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsibijiet ta' l-ewwel qorti u ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel qorti ghal dik li hi l-piena erogata.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.